# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Kaz Nru. 3833/JHP

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Abiodun Olufemi Owoeye (ID: 0171209A

u

HWS Technologies Ltd (CT-83626)

Illum : 30 ta' Novembru, 2020

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Chairman: Sur James Pearsall Msc. H.R. Trg & Perf. (Leic.) Dip in Soc. Stud (Labour Studies) UOM

It-Tribunal :-

Wara li ra ir-rikors tar-rikorrent sottomess mill-konsulenta legali l-Avv. Josephine Farrugia Mifsud fejn tiddikjara li t-tkeccija tar-rikkorrent kienet wahda ingusta u konsegwentiment il-kuntratt ta' impjieg gie terminat ghal ragunijiet ingusti.

Ra ir-risposta permezz ta' rikors datat, 16 ta' Gunju 2020, fejn il-konsulent legali l-Avv. Ian Spiteri Bailey ghas-socjeta` ntimata, ghamel talba preliminari fejn qieghed jirrimarka li it-Tribunal Industrijali mhuwiex kompetenti sabiex jiehu konjizzjoni tal-kaz, ghar-raguni li dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza fuq kaz ta' terminazzjoni minn kuntratt ta' zmien definit.

Ra in-nota ta' l-Avv. Josephine Farrugia Mifsud fejn tirreferi ghall-Kap 452 ghall l-Art 75(1) li jsemmi kuntratt ta' impjieg ghal zmien mhux stabbilit u li l-kuntratt ta' l-attur huwa precizament kuntratt indefinit.

**Kunsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali**

Illi minn dan l-Artikolu hemm stipulati l-istanti fejn it-Tribunal Industrijali ghandu jkollu gurisdizzjoni, liema istanti huma elenkati fl-imsemmi artikolu.

In oltre, f'Artikolu numru 2 (a), u cioe` l-Artikolu li jaghti t-tifsira tal-kliem li jinsab fl-istess Kap 452, "tkeċċija inġusta", dwar ħaddiem, tfisser :-

> (*a*) it-temm mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' **kuntratt ta' impjieg għal żmien mhux stabbilit (barra minn impjieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att)**[1] li jkun temm li ma jsirx biss minħabba *redundancy* jew għal raġuni xierqa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.

It-Tribunal wara li fela profondament dan l-Artikolu u evalwa din l-interpretazzjoni li hemm fl-istess Artikolu 75, jikkonkludi li l-legislatur fl-Att Dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452 kien qieghed jillimita l-gurisidizzjoni tat-Tribunal Industrijali ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn kien hemm kuntratt ta' impjieg ghal zmien indefinit.

Li kieku l-legislatur ried li t-Tribunal Industrijali jisma' u jiddeciedi dawn l-istanti ta' kuntratti ta' impjieg ghal zmien definit, fil-gurisdizzjoni tal-istess Tribunal, dan kien ikun stipulat fil-Ligi b'carezza u minghajr ekwivoku u b'hekk ma kien jithalla l-ebda dubbju.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li r-rikorrent kellu kuntratt ta' xoghol ghal zmien definit, ossia ghal zmien sabbilit, f'dan il-kaz in dezamina, ta' sena. (klawsola 1.1 Dok A). Fil-fatt il-kuntratt ta' l-attur kien ta' sena.

It-Tribunal Industrijali ghamel riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell, (Sede Inferjuri) tal-25 ta' Jannar 2019, Appell numru: 35/2018 per l-Onorevoli Mhallef, Anthony Ellul, fl-ismijiet, Waldemar David Galea vs l-Universita` ta' Malta, fejn gie deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell illi t-Tribunal Industrijali ma ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' kwistjonijiet ta' xoghol ta' allegata tkeccija ngusta minn kuntratt definit tax-xoghol.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet moghtija t-Tribunal Industrijali qieghed jiddeciedi li ma ghandu l-ebda komptenza u gurisdizzjoni li jisma' u jiddeciedi din l-odjerna kwistjoni ta' xoghol dwar tkeccija li hi allegata ngusta.

Ghaldaqstant, ai termini ta' artikolu 741, paragrafu 'b', tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan it-Tribunal mhux se jiehu konjizzjoni ta' din il-kwistjoni ta' xoghol u ghal din ir-raguni qieghed jordna li l-Atti kollha ta' din il-kwistjoni jigu trasferiti lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex tiehu konjizzjoni ta' din il-kwistjoni ta' xoghol.

____________________________

Is-sur James H. Pearsall
Chairman